**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-1 ta' April 2009 — Perry vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-280/08)** ([1])

***("Rikors għad-danni — Preskrizzjoni — Inammissibbiltà")***

(2009/C 141/87)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Claude Perry (Pariġi, Franza) (rappreżentant: J. Culioli, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J.-P. Keppenne u P. van Nuffel, aġenti)

**Suġġett**

Rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent minħabba akkużi ta' miżapproprjazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja Komunitarja li suppost seħħew mal-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi bejn il-Kummissjoni u kumpanniji tar-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Claude Perry huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 260, 11.10.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Marzu 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-359/08)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Ċessjoni tal-att ikkontestat — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2009/C 141/88)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. Rodríguez Cárcamo, aġent)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Steiblytė u S. Pardo Quintillán, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3243 tal-25 ta' Ġunju 2008 dwar it-tnaqqis tal-għajnuna mogħtija mill-Fondi ta' Koeżjoni favur il-grupp ta' proġetti 2001.ES.16.C.P.E.045 [Ipproċessar tal-iskart f'Galicia — 2001 (Grupp II], bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2001) 4193 tal-20 ta' Diċembru 2001.

**Dispożittiv**

1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors preżenti.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju ta' Spanja.*

([1]) ĠU C 272, 25.10.2008

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-31 ta' Marzu 2009 — Spanja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-360/08)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Irtirar tal-att ikkontestat — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2009/C 141/89)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. Rodríguez Cárcamo, aġent)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: A. Steiblytė u S. Pardo Quintillán, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3247, tal-25 ta' Ġunju 2008 dwar it-tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja mogħtija taħt il-Fondi ta' Koeżjoni favur il-grupp ta' proġetti 2001.ES.16.C.P.E.036 (tindif tal-baċir idrografiku tat-Tramuntana — Galizja — 2001), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2001) 4084, tal-20 ta' Diċembru 2001.

**Dispożittiv**

1) *M'għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*

2) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mir-Renju ta' Spanja.*

([1]) ĠU C 272, 25.10.2008.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' April 2009 — Cachuera vs UASI — Gelkaps (Ayanda)**

**(Kawża T-43/09)** ([1])

***("Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")***

(2009/C 141/90)

*Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* La Cachuera, SA (Misiones, l-Arġentina) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)